# STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

VALLETTA, Malta, 14 ta' Frar 2024

## Imħuħ żgħażagħ jirriflettu fuq il-memorja u l-identità f'workshop speċjali ta' maltabiennale.art

Meta maltabiennale.art jibda fit-13 ta' Marzu 2024, se jilqa' nies minn oqsma differenti biex igawdu sensiela ta' xogħlijiet tal-arti li jqanqlu l-ħsieb u li se jintwerew f'uħud mis-siti rinomati ta' wirt madwar Malta u Għawdex. Lil hinn mill-ispettaklu viżiv, maltabiennale.art qed iħeġġeġ lill-viżitaturi biex ikollhom inkontru mal-arti bħala mezz ta' riflessjoni dwar it-tifsir u l-valur tal-wirt, l-identità kulturali, u l-istorja personali, li jinċitaw mistoqsijiet iktar profondi dwar l-influwenzi li sawru l-preżent tagħna matul bosta sekli.

F'dan l-ispirtu, maltabiennale.art laqa' bi pjaċir grupp ta' studenti ta' bejn it-8 snin u t-12-il sena għal workshop speċjali. Immexxi mill-artisti lokali Anna Calleja u Chiara Cassar, il-workshop esplora l-kostruzzjoni tal-identità personali, u provda opportunità għal imħuħ żgħażagħ biex jidħlu f'esperjenza kreattiva u riflessiva fl-inħawi ispiranti tal-Forti Sant'Iermu.

Matul is-sessjoni, l-istudenti esploraw il-memorja u l-identità mil-lenti tal-installazzjoni tal-arkivju matrijarkali ta' Calleja. Ispirati mix-xogħol tagħha, l-istudenti ħolqu "memory-zine" tagħhom stess u kkollaboraw biex jerġgħu jiktbu mill-ġdid in-narrattiva tal-istorja tan-nisa f'Malta. Id-diskussjonijiet trattaw aspetti bħal-lenti suġġettiva tan-narraturi, is-sinifikat tal-memorja u tal-perspettiva fl-arti, referenzi storiċi minsuġin u l-importanza tal-arkivji personali. Permezz ta' sforzi individwali u kollaborattivi, l-istudenti użaw tekniki tal-midja mħallta biex joħolqu l-"memory-zine" tagħhom stess, li fil-futur isservi bħala arti tanġibbli biex tispira aktar l-esplorazzjoni tal-memorja u tal-identità permezz tal-arti.

Apparti li ggwidat il-workshop, Calleja se tkun qed turi l-arti tagħha fl-installazzjonijiet uffiċjali ta' maltabiennale.art. Il-wirja tagħha tiffoka fuq

it-tema tal-"Matri-arkivju tal-Mediterran." Dan ix-xogħol artistiku jidħol fl-arkivji personali tagħha biex permezz tiegħu tikxef stejjer u artifatti li jirriflettu l-essenza tal-femminilità u l-matrijarkija fi ħdan il-kuntest usa' tal-identità Mediterranja u l-kuntesti postkolonjali.

Calleja hija fost grupp divers ta' artisti internazzjonali u lokali li diġà qegħdin Malta jiffinalizzaw l-installazzjonijiet tagħhom għall-avvenimenti ta' maltabiennale.art li ġejjin. Hekk kif l-20 padiljun nazzjonali u tematiku jaslu fl-aħħar stadji tal-kostruzzjoni, Malta qed tlaqqa' 80 artist minn 23 pajjiż. Flimkien, se jkunu qed juru x-xogħol tagħhom bit-tema ta' "Il-Baħar l-Abjad, Imsaġar taż-Żebbuġ" biex għall-ewwel darba jittrasformaw bosta siti ta' wirt prestiġjuż fi spazji għall-esibizzjonijiet, fosthom il-Palazz tal-Gran Mastru fil-Belt Valletta, l-Armerija fil-Birgu, u t-tempji megalitiċi tal-Ġgantija f'Għawdex.

Se jiġu organizzati sensiela ta' avvenimenti interattivi, workshops, u diskussjonijiet qabel l-inawgurazzjoni tal-festival mill-Eċċellenza Tiegħu l-President ta' Malta, Dr George Vella waqt ċerimonja speċjali li se ssir fil-Sala tat-Tron tal-Palazz tal-Granmastru fit-12 ta' Marzu. Taħt il-patroċinju tal-Eċċellenza Tiegħu l-President ta' Malta, kif ukoll tal-UNESCO, il-festival diġà kiseb rikonoxximent fix-xena globali għall-2024 u ġibed l-attenzjoni tal-istampa internazzjonali bħal The Guardian u Art Review, fost oħrajn. Ibqa' aġġornat bl-aħħar aħbarijiet u l-avvenimenti li ġejjin marbuta ma' maltabiennale.art billi ssegwi l-istazzjonijiet uffiċjali.

*maltabiennale.art hija inizjattiva tal-Heritage Malta permezz ta' MUŻA, il-Mużew Nazzjonali tal-Arti, bi sħubija mal-Kunsill Malti tal-Arti. maltabiennale.art hija ppreżentata wkoll b'kollaborazzjoni mal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ, mal-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, mal-Ministeru ta' Għawdex, kif ukoll ma' Visit Malta, Malta Libraries, MCAST, Festivals Malta, L-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta u Spazju Kreattiv. L-inizjattiva tinkludi s-sehem tal-Iskola tal-Arti Viżiva u Performattiva f'Malta, AUM, ŻfinMalta, KorMalta, Teatru Manoel, L-Orkestra Filarmonika*

*ta' Malta, Franco La Cecla, IULM University Milan, id-Dipartiment tal-Istudji Umanistiċi, il-Fakultà tal-Arti u Turiżmu, id-Dipartiment tal-Wirt Kulturali ta' Taħt il-Baħar ta' Heritage Malta, id-Dipartiment Arkeoloġiku ta' Heritage Malta u l-Mużew Marittimu ta' Heritage Malta.*

*maltabiennale.art tista' ssibhom online:*
*Is-sit uffiċjali: www.maltabiennale.art*
*Facebook, Instagram, LinkedIn: @maltabiennale*
*Email: info@maltabiennale.art*

## PRESS RELEASE

VALLETTA, Malta, 14th February 2024

**Young minds reflect on memory and identity in special maltabiennale.art workshop**

When maltabiennale.art kicks off on March 13, 2024, it will welcome people from all walks to enjoy a series of thought-provoking artworks showcased at some of Malta and Gozo's renowned heritage sites. Beyond the visual spectacle, maltabiennale.art is encouraging visitors to encounter art as a medium for reflecting on the meaning and value of heritage, cultural identity, and personal history, prompting a deeper questioning of the influences that have shaped our present over many centuries.

In this spirit, maltabiennale.art warmly welcomed a group of students aged 8 to 12 for a special workshop. Led by local artists Anna Calleja and Chiara Cassar, the workshop explored the construction of personal identity, providing an opportunity for young minds to engage in a creative and reflective experience within the inspiring surroundings of Fort St Elmo.

In the session, students explored memory and identity through the lens of Calleja's matriarchal archive installation. Inspired by her work, students crafted a personal memory-zine and collaborated on rewriting the narrative of women's history in Malta. Discussions touched upon the subjective lens of narrators, the significance of memory and perspective in art, intertwining historical references, and the importance of personal archives. Through individual and collaborative efforts, students used mixed-media techniques to create their own memory-zine, serving as a tangible art piece to inspire further exploration of memory and identity through art in the future.
In addition to guiding the workshop, Calleja will be showcasing her art in the official maltabiennale.art installations. Her exhibit, centres around the theme of the "Matri-archive of the Mediterranean." The piece delves into her personal

archives to unearth stories and artefacts reflecting the essence of femininity and matriarchy within the broader context of Mediterranean identity and post-colonial contexts.

Calleja is among a diverse group of international and local artists already in Malta, finalising their installations for the upcoming maltabiennale.art. As the 20 national and thematic pavilions reach the final stages of construction, Malta is welcoming a convergence of 80 artists from 23 countries. Together, they will be showcasing their work under the theme of “White Sea Olive Groves,” transforming many prestigious heritage sites into exhibition spaces for the first time, including the Grand Master’s Palace in Valletta, the Armoury in Birgu, and the megalithic temples of Ġgantija in Gozo.

A series of engaging events, workshops, and discussions will be organised in the lead up to the festival's inauguration by His Excellency the President of Malta, Dr. George Vella during a special ceremony to take place in the Throne Room of the Grandmaster's Palace on March 12. Under the patronage of His Excellency the President of Malta and UNESCO, the festival has already gained recognition on the global stage for 2024, catching the attention of international press like The Guardian and Art Review, among others. Keep up to date with the latest news and upcoming events linked to maltabiennale.art by following the official channels.

*maltabiennale.art is a Heritage Malta initiative through MUŻA, the Malta National Community Art Museum, in partnership with Arts Council Malta. maltabiennale.art is also presented in cooperation with the Ministries for Foreign and European Affairs and Trade, National Heritage, the Arts and Local Government, and Gozo, as well as with Visit Malta, Malta Libraries, MCAST, Festivals Malta, Valletta Cultural Agency and Spazju Kreattiv. With the participation of Malta School of Art, AUM, ŻfinMalta, KorMalta, Teatru Manoel, Malta Philharmonic Orchestra, Franco La Cecla, IULM University, Milan, Department of Humanities Studies, Faculty of Arts and Tourism, Underwater Department Heritage Malta, Archaeological Department Heritage Malta and Maritime Museum Heritage Malta.*

*maltabiennale.art is online:*
*Official website: www.maltabiennale.art*
*Facebook, Instagram, LinkedIn: @maltabiennale*
*Email: info@maltabiennale.art*